# DEPOSITOR COMPENSATION SCHEME

# MALTA

Lid-: Depożitanti ta' Nemea Bank plc

L-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant, qegħda tipproċessa kumpens lid-depożitanti ta' Nemea Bank plc (''il-Bank'') wara li l-Aworità għas-Servizzi Finanzjari ta' Malta ("MFSA'') fit-30 ta' Marzu, 2017 għamlet determinazzjoni skont l-Artikolu 8(1) tal-Avviż Legali 383 tal-2015, li l-Bank, fil-preżent ma jinsabx f'pożizzjoni li jħallas id-depożiti li huma dovuti u pagabbli.

Fuq bażi ta l-informazjoni mibgħuta mill-Bank lill-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant ("l-Iskema") skont l-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-2015 dwar Skema ta' Kumpens lid-Depozitant, l-Iskema qed tipproċedi biex tibda l-proċess ta' ħlas ta' kumpens lid-depożitanti li kellhom depożitu/depożiti mal-Bank u li huma eliġibbli għal kumpens mill-Iskema. Għaldaqstant l-Iskema għandha tħallas kumpens fir-rigward ta' depożiti eliġibbli mingħajr il-ħtieġa li ssir talba lill-Iskema.

Il-protezzjoni provduta mill-Iskema hija suġġetta għall kumpens massimu ta' €100,000 għad-depożiti totali ta' kull depositant. B'żieda ma' dan, il-kumpens massimu għal bilanċ għoli temporanju, huwa sa massimu ta' €500,000. Dawn il-limiti huma ekwivalenti għal dawk li jinsabu fid-Direttiva 2014/49/UE dwar l-iskemi ta' garanziji fuq id-depożiti.

Il-protezzjoni għal bilanċi għolja temporanji għandha perijodu ta' sitt xhur, skont liema perijodu huwa l-itwal, jew mill-ewwel data meta l-bilanċ għoli temporanju jigi akkreditat fil-kont tad-depożitanti, jew f'xi kont ieħor għan-nom ta' xi persuna; u mill-ewwel data meta l-bilanċ għoli temporanju isir legalment trasferibbli lid-depożitant.

Għal aktar informazzjoni fuq il-proċess ta' kumpens zur www.compensationschemes.org.mt.

Ippubblikata fit-30 ta' Marzu 2017